QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDE CIVILI

SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 25 TA’ MEJJU 2001

Avviz Nru:- 1446/96 DM

John Briffa
vs
John Bruno

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut biex ihallas is-somma ta’ erba mija u tmienja u tletin liri Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm438.26) rappresentanti din is-somma hsarat kagunati mill-konvenut fil-vettura tal-attur u dana konsegwenza ta’ incident awtomobilistiku li sehh fis-7 t’Awissu 1996 f’Bugibba bejn il-vettura G-1377 misjuqa mill-konvenut u l-vettura S-2822 misjuqa u proprjeta tal-attur liema incident sehh tort unikament tal-konvenut u dana minhabba imperizja, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra datata 8 ta’ Novembru 1996 kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Bruno fejn eccepixxa:

1. Illi ghall-incident stradali de quo kien jahti l-attur.

2. Illi bla pregudizzju ghal din l-ewwel eccezzjoni, il-quantum mitlub huwa esagerat.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi, ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba tal-attur u pprezenta nota tal-eccezzjonijiet huwa ma ipproduca ebda prova in sostenn ta din il-kontestazzjoni.

Infatti l-provi jikkonsistu esklussivament f’ dawk prodotti mill-attur li bil-gurament xehed li kien gie milqut mill-vettura misjuqa mill-konvenut meta huwa kien qed isegwi vettura ohra kwazi wieqaf. Isosstni l-konvenut ikkalkola hazin fit-tentattiv tieghu biex jghaddi minn warajh.

F’dan gie ukoll ikkorroborat mill-isketch mghamul mill-ufficjal li nvestiga l-kaz.

Ghalhekk tirrizulta ampjament ir-responsabilita’ tal-konvenut ghall-kollizzjoni li konsegwentement irid jghamel tajjeb ghad-danni li sofra l-attur.

Mill-provi tal-attur, senjatament mill-ircevuti esibiti, jirrizulta li ghall-kiri ta vettura sostitutiva u ghall- ispare parts, l-attur nefaq total ta’ LM245.58. Izda dwar ix-xoghol ta ‘panel beating’ u ‘spray’, l-attur la ddikjara li hallas xi ammont u lanqas ma pproduca xi ricevuta; ipprezenta biss id-Dok JB7 a fol. 20 li ghalih irrefera bhala kont ghas-somma ta LM263.25.

Infatti l-attur fit-talba tieghu illimita d-danni reklamati ghas-somma ta LM438.26 u billi somma ta LM150 ghax-xoghol ta zebgha u panel beating

hija gustifikata qed tillikwida ‘ arbitrio boni viri’ d-danni totali li sofra l-attur fis-somma ta LM413.25.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici billi tiddikjara l-konvenut unikament risponsabbli ghall-kollizzjoni in kwistjoni u konsegwentement tikkundanna lill-istess konvenut biex ihallas lill-attur is-somma ta erba mija u tlettax liri Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (LM413.25) li qed tillikwida bhala d-danni totali li sofra l-attur.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

Mag Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg
civ8